# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 79/2016**

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Grech)

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Victor Joseph Vella**

iben Carmel, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, fid-9 ta' Jannar, 1986, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 20386(G)

Illum, 30 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Victor Joseph Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April 2006, f'dawn il-Gzejjer:

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnha, izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u ikkundannatu ghall-piena ta' tnax-il (12) xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum u multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fil-kors tal-inkjesta dwar dan il-kaz u fil-mori ta' dawn il-proceduri bis-segwenti mod: nofs l-ispejjez tar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, stante illi din ir-relazzjoni kienet tinkludi wkoll analizi ta' sustanza misjuba fuq terza persuna, ammontanti ghas-somma ta' sitta u dighin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm96.76) ekwivalenti ghal mitejn, hamsa u ghoxrin Euro u disgha u tletin centezmu (€225.39) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' mija u

tmintax-il Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm118.59) ekwivalenti ghal mitejn, sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€276.24).[1] B'kollox ghalhekk tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mitt Euro u wiehed u tlieta u sittin centezmu (€501.63), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita in konnessjoni mal-kaz odjern hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ordnat r-rilaxx tal-mobiles ezebiti u formanti parti minn Dok PG 1 favur il-hati.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-23 ta' Frar, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li s-sentenza hija nulla għar-raġunijiet imsemmija f'dan l-appell (nuqqas ta' smiegħ tax-xhieda viva voce); **jew**

(ii) **alternattivament** tirriforma is-sentenza billi tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni akkuża, u tirrevokha fil-bqija fejn fir-rigward tal-ewwel akkuża ssib ħtija u tinfliġġi piena iktar idoneja skont il-liġi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u skont il-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

---

[1] Il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 1374 Edgar Dalli stante li l-analizi involuta tat ezitu negattiv.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, naqset milli tħares waħda mill-formalitajiet rikjesti ai fini tal-għoti tas-sentenza kif rikjesta mill-liġi u b'hekk għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi proċedurali u di piu' għamlet misinterpretazzjoni tal-liġi u tal-provi meta lliberat lill-imputat mill-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Illi fl-ewwel lok l-appellant jissottometti umilment illi l-fatt li l-Qorti ma semgħatx ix-xhieda jew xi uħud mix-xhieda *viva voce* twassal għal ksur tal-artikolu 646(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan indipendentement minn kwalunkwe verbal li seta' sar fil-kors tal-proċeduri u bil-qbil tal-partijiet. Dan iktar u iktar jinghad konsiderando li s-sentenża li ngħatat kienet ibbażżata fuq il-kredibbilta' o meno ta' xhieda li ddeponew, u *multo magis* l-ewwel Qorti għamlet osservazzjonijiet fis-sentenza tagħha li kienu jinkombu fuq ix-xhieda ewlenija f'dan il-każ u fuq il-kredibbilta' tagħhom. Għaldaqsant l-appellant jissotometti li s-sentenża mogħtija kienet mankanti għal kollox minn rekwizit essenzjali u obbligatorju li jinċidi fuq is-sustanza tal-proċeduri kollha adoperata mill-ewwel Qorti u li b'hekk twassal għan-nullita' tas-sentenża mogħtija.

Illi in sostenn ta' dan l-aggravju, l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali jinqara kif ġej :

**646.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda **għandhom dejjem**[2] jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce.*

Illi lanqas ma jista jinghad li japplikaw l-eċċezzjonijiet għal din ir-regola li huma regolati ai termini tas-subartikolu (2) ta' din l-istess deposizzjonijiet jew li b'xi mod is-subartikolu (8) li ssir referenża għaliha f'dan is-subartikolu qed jiġi mittiefes jew misapplikat:

**(2)** Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:

---

[2] Emfazi tal-appellant.

**Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce** kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief **jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8)**:

**(8)** Ix-xiehda ta' tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat annessa ma' proċess verbal, jew ta' tabib jew kirurgu dentali bħal dak li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja sew jekk mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, tista' tinġieb bħala prova mingħajr il-ħtieġa li l-imsemmi tabib jew kirurgu dentali jinġieb fil-qorti kif provdut fil-proviso tas-subartikolu (2):

iżda, ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jitolbu, jew il-qorti tista' *ex officio* tordna, li dak ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat fil-qorti u *viva voce*.

Kwindi fil-waqt li l-Qorti mihjiex obbligata li tisma kull xhud mill-ġdid speċjalment jekk ikunu xhieda li sempliċiment jikkonfermaw l-awtentiċita' ta' dokumenti jew il-verita' ta' l-istess, sabiex jiġi stabbilit jekk xhud hux kredibbli jew le, id-deposizzjoni trid issir *viva voce ad validatem* quddiem il-ġudikant li finalment ser jiġġudika l-fatti, salv l-eċċezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-aritkolu 646 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-eżerċizzju huwa essenzjali sabiex il-ġudikant ikun jista jasal għall-ġudizzju xieraq kif mistenni minnu wara li jeżamina l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u mhux sempliċiment jaqra traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' dak li jkun li mhux neċessarjament tirrispekkja kelma b'kelma dak li jkun qal u li f'ebda mod mhi ser tagħti ħjiel tal-komportament tax-xhud waqt id-deposizzjoniet tiegħu. Effettivament dan huwa obbligu tal-ġudikant li jkun, fid-dawl tal-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodiċi Kriminali li jittrattaw l-kreddibilta' tax-xhud li jkun li semmai għandha tiġi determinata minn min għandu jiġġudika l-fatti u dan '*billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ*'[3].

---

[3] Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi dan il-prinċipju u din l-interpretazzjoni ġiet ikkristalizzata fis-sentenza **Pulizija vs Joseph Bartolo** deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent Degaetano fid-9 ta' Settembru, 1999 fejn *ex officio* il-Qorti annullat sentenża ta' Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali peress illi l-ġudikant kien sab ħtija kontra l-appallant mingħajr ma qatt sema provi u wara li straħet interament fuq traskrizzjonijiet ta' deposizzjonijiet ta' xhieda (bħal f'dan il-każ). Effettivament in sostenn ta' dak kollu enunċjat f'dan l-appell din is-sentenża tgħid is-segwenti:

*3. Il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza kienet* ***obbligata*** *li tisma' "fil-qorti u viva voce" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant -- f'dan il-kaz il-magistrat li jippronunzja s-sentenza -- jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnejh lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim' istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim' istanza ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. Il-posizzjoni hi differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim' istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz prima facie skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Kwantu ghal din il-Qorti, cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef, ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni*

*4. Fil-kaz in dizamina, il-magistrat li ppronunzja s-sentenza ma sema' xejn mill-provi, izda qaghad esklussivament fuq dak li nstema' minn magistrat iehor u gie traskritt. F'dan il-kaz ma kienx hemm il-problema li xi xhieda lehqu mietu jew hallew Malta jew ma setghux jinsabu, f'liema ipotesi wiehed seta' japplika (anke b'analogija ghal dak li jirrigwarda x-xhieda li nsetmghu mill-qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) id-disposizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646.*

*5. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu.*

Illi fil-każ mertu ta' dan l-appell, ix-xhieda kollha inkluz dawk li a bażi tagħhom ingħatat is-sentenża xhedu *viva voce* quddiem l-ex Maġistrat illum Imħallef Lawrence Quintano u mhux quddiem il-Maġistrat Natasha Galea Sciberras. Dan iffisser li finalment min iġġudika l-każ qatt ma sema l-ebda xhud *viva voce*, importanti o meno, u ulterjorment, ta sentenza fejn illibera lill-appellat mill-ewwel akkuża fuq nuqqas ta' provi fid-dawl priniċpalment tal-provi li qatt ma nstemgħu quddiemha u senjatament fuq kwistjoni tal-kredibbilta' tagħhom. Allura kien hemm l-obbligu legali fuq il-Maġistrat Depasquale li jisma l-provi essenzjali jekk mhux kollha mill-ġdid biex b'hekk ikun f'posizzjoni jaġixxi ai termini tal-artikoli 637 et seq, fejn l-osservazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet huma essenzjali għall-għoti ta' sentenza xierqa u mhux vizzjata f'ebda mod. Jerġa jingħad li dan l-obbligu kien jimpinġi fuq il-ġudikant indipendentement minn kwalunkwe verbal jew qbil li seta' sar bejn il-partijiet li eżentaw lil din il-Qorti milli tisma dawn il-provi mill-ġdid u dan senjatament peress li dan l-obbligu jimpinġi **biss** fuq minn ser jiġġudika l-każ, f'dan il-każ il-Maġistrat Depasquale u ħadd iktar[4].

[4] Folio 142 tal-atti proċesswali.

Illi kwindi, in vista ta' dan in-nuqqas u anki fid-dawl tas-sentenża hawn fuq ikkwotata, din il-Qorti għandha tannulla din is-sentenża u tieħu dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa ai fini tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja u ai fini tal-osservazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali kif hawn fuq indikati.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tkun tal-opinjoni li m'għandiex tannulla s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti għar-raġunijiet hawn fuq premessi, jekk induru għall-provi li nstemgħu u li ġew traskritti f'dan l-appell jidher ċar li xorta waħda l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti fejn ġiet biex tillibera lill-appellat mill-pussess aggravat tad-droga Ecstacy mhumiex suffiċjenti u dan in vista tal-fatt li minn dak li stqarr l-appellat stess, ir-raġunijiet mogħtija minnu għalfejn kien akkwista dak l-ammont ta' Ecstacy kollu f'dik il-ġurnata partikolari meta' ġie arrestat ma tantx għandhom mis-sewwa.

Illi l-ewwel u qabel kollox ċirkostanzjalment l-appellat instab fil-pussess ta' ħamsa u desgħin pillola Ecstacy li skond hu kienu strettament għall-konsum tiegħu matul ix-xhur tas-sajf. Mistoqsi fl-istqarrija tiegħu kemm ġeneralment jixtri u jikkonsma Ecstacy stqarr li jixtri bejn madwar ħames u għaxar pillolli Ecstacy fi tmien il-ġimgħa u jikkonsmhom matul il-*weekend*. Jirriżultalna wkoll mill-istqarrija tal-istess appellat illi hu kien student fi żmien mertu ta' dawn l-akkuża u kellu l-eta' ta' għoxrin sena. Jidher ċar ukoll mix-xhieda li hu ta nhar id-9 ta' Jannar, 2009 (dejjem quddiem il-Maġistrat Quintano)[5] illi hu kien prattikament igħix minn fuq l-istipendju, is-sussidju tal-Gvern peress li kien jinżel jistudja Malta minn Għawdex li kien jammonta għall-valur ta' Lm45 kull xahar pagabbli f'daqqa kull sitt xhur (Lm150 f'daqqa) apparti li kien jgħin lil ħuħ f'xi xogħol ukoll. Rigward dak allegat fuq ix-xogħol li kien jagħmel ma ħuħ jew kemm kien jaqla minnu, dan ma ġiex ikkorroborat f'ebda mod mid-difiża. In oltre skont dak li stqarr l-istess appellat dwar ir-raġuni għalfejn xtara dak l-ammont kollu dakinhar meta ġeneralment ma kienx jixtri daqshekk, fl-istqarrija tiegħu iddikjara li kien għamel hekk biex jiffranka l-flus filwaqt li meta' xehed *viva voce* il-Qorti (iżda mhux fil-preżenża tal-Maġistrat li iġġudikat il-fatti), stqarr ukoll illi kien jibża li ser jinqabad mill-ġenituri tiegħu peress li kien

[5] Folio 88 et seq tal-atti proċesswali.

jixtri bil-ftit minn persuni differenti. Hu ċaħad kategorikament li dawn kienu intiżi għall-użu ta' ħaddieħor u b'hekk ċaħad il-pussess aggravat ta' din is-sustanza.

Illi bir-rispett kollu dawn ir-raġunijiet jew ġustifikazzjonijiet għall-ammont li nxtara fl-umli opinjoni tal-prosekuzzjoni xorta waħda ma jegħlbux it-teżi tal-pussess aggravat kif ipprospettata mill-prosekuzzjoni. L-ewwel nett dak li stqarr l-appellat meta xehed, u ċioe li hu xtara dak l-ammont kollu biex ma jinqabadx mill-ġenituri tiegħu assolutament ma jagħmilx sens tenut kont tal-fatt li hemm ħafna iktar ċans tinqabad jekk tixtri 100 pillolla milli jekk tixtri 5 jew 10!! Infatti nqabad mill-pulizija tenut kont tal-portata tad-*deal* tad-droga li attirat l-attenzjoni tal-puilzija. Di piu' seta' faċilment xtara l-ammont ta' ħames jew għaxar pillolli Ecstacy mill-istess individwu minflokk minn persuni differenti u ergo l-preokupazzjoni tiegħu kienet tisfa fix-xejn. Di piu skont id-deposizzjoni tax-xhieda tiegħu dwar il-prezż għoli li kien qed jonfoq meta kien jixtri bil-ftit, l-istess appellatt stqarr li kien jonfoq madwar Lm40 kull darba li joħroġ u dan evidentement apparti dak li kien iħallas għal dawn il-pillolli. Is-sussidju fi kliemu stess ma kienx jitħallas fix-xahar imma kien jitħallas kull sitt xhur u prova dwar kemm kien jaqla minn ħuħ jekk kien filfatt jaħdem miegħu ma nġagħbitx għajr għal dak allegat minnu meta' xehed. Kwindi l-prosekuzzjoni tinstab kemxejn perplessa meta fis-sentenza tal-ewwel Qorti, il-Maġistrat iddeċidiet li seta' kellu biżżejjed flus biex iħallas l-ammont ta' Lm250 għal dawk il-mitt pillolla Ecstacy li hu fil-fatt akkwista f'daqqa. Għal kull buon fini jingħad ukoll li l-ewwel Qorti tagħmel referenza għall-messaġġi mir-rapport tal-espert maħtur Martin Bajada li kien analiżża l-telefon ċellulari tal-appellat, fejn jidher li kien hemm min talab lill-appellat sabiex jikrilu appartament. Skont l-ewwel Qorti mill-prezzijiet hemm indikati wieħed jista' jasal biex jifhem minn fejn seta' ġab il-flus biex iħallas għad-droga. Madankollu mhemm assolutament l-ebda prova dwar il-frekwenza ta' dawn il-kirjiet apparti li ma nistawx ninsew ukoll li l-appellat kien qed jgħix f'apartament tal-ġenituri tiegħu hawn Malta flimkien ma sħabu fejn matul il-ġimgħa kien ikun qed jgħix hawn Malta. B'xi mod, u mill-ftit li kien qed jaqla, l-appellat kellu jgħajjex lilu nnifsu u jixtri ikel u dak meħtieġ sabiex jgħix fil-kumpanija ta' sħabu f'dan l-appartament il-bogħod mill-familja tiegħu u dan apparti l-flejjes kollha li kien jonfoq skont kif allegat minnu.

Illi referenza oħra li saret mill-ewwel Qorti hija għax-xhieda li ġiet irilaxxata fil-preżenza tal-Maġistrat Quintano minn Salvatore Azzopardi u John Tabone. Apparti l-fatt li jibqa inkontestat

li dawn ix-xhieda ma nstemgħux jixdu viva voce quddiem il-Maġistrat li ġġudika dan il-każ u liema ċirkostanza tifforma l-mertu tal-ewwel aggravju miġjub f'dan l-appell, jingħad umilment li l-fatt li dawn ix-xhieda li kienu jgħixu mal-appellat qatt ma raw nies imorru jsaqsu għaliħ b'mod frekwenti jew li ħadd ma kien iċċempillu għajr għall-ġenituri tiegħu ma jfisser assolutament xejn bir-rispett kollu. L-ewwel nett ma nimmaġinax li dawn kienu jqattgħu kull siegħa tal-ġurnata mal-appellat. Fit-tieni lok, il-prosekuzzjoni mhux qed tallega li qabel dan l-inċident l-appellat kien qed jittraffika d-droga iżda qed tallega biss il-pussess ta' dawk il-pillolli li fl-ammont u ċ-ċirkostanzi li nstabu huma ndikazzjoni li dawn ma kienux għall-użu esklussiv tiegħu. Ma jistax jiġi eskluż illi l-appellat seta' kellu l-ħsieb li jew iqassam din id-droga lil terzi jew li seta' kien ser jgħaddi parti minnhom lil ħaddieħor għall-iskop ta' traffikar. Jekk din kienet l-ewwel darba li xtara daqhekk u jekk evidentement inqabbad mill-pulizija fil-mument li huma kienu għadhom kif akkwistaw l-imsemmija sustanza ser ikun ferm diffiċli ssib xhieda li jikkonfermaw intrapriża ta' traffikar ta' droga eżistenti minn qabel.

Illi jingħad ukoll li l-ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza kopjuza fis-sentenza tagħha dwar provi ċirkostanzjali u l-konsiderazzjonijiet li għanda tagħmel il-Qorti meta tiġi biex tiġġudika l-fatti u l-mod kif għandha tinterpreta l-provi quddiemha. Fil-waqt li l-konklużjonijiet ta' dawn is-sentenzi f'ebda mod m'huma qed jiġu kkritika jew innegati, jingħad b'kull rispett li meta wieħed jikkonsidra l-mod kif l-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijet tagħha tal-provi miġjuba, allavolja approfonditi, hemm nuqqas ċar ta' kif il-ġudikant wasal għall-konklużjonijiet *permezz tal-użu tal-loġika w l-buon sens*[6].

Fit-tielet lok, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-aggravji kollha kif hawn fuq miġjuba, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li għandha takkolji t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali f'dan l-appell, il-piena kif imposta mill-ewwel Qorti ma tkunx legalment aċċettabbli jew suffiċjenti u dan peress illi l-ħtija tal-pussess aggravat tad-droga tinkombi piena ta' priġunerija effettiva li ma tistax tiġi kkonvertita' f'waħda sospiża skond id-diċitura tal-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa applikabbli għal dan il-każ.

---

[6] Il-Pulizija vs Brian Caruana mogħtija nhar it-23 ta' Mejju 2002 debitament irriferuta mill-ewwel Qorti f'dan il-każ fis-sentenza tagħha a folio 4 tal-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant, Avukat Generali, hu fis-sens li l-Qorti li ppronunzjat is-sentenza ma kinitx l-istess Qorti li semghet il-provi. Dan ifisser li kien hemm ksur tal-artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali li jgib in-nullita' tas-sntenza li qed tigi appellata.

Illi ghalhekk hu mehtieg li jigi analizzat l-iter tal-kawza sabiex tigi valutata l-asserzjoni tal-Avukat Generali li qed iserrah l-argumenti tieghu kollha a bazi tal-sentenza: "Il-Pulizija v. Joseph Bartolo" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Settembru, 1999.

Illi l-appellat tressaq il-Qorti taht arrest fil-25 ta' April, 2006. Il-kawza bdiet tinstema quddiem il-Magistrat (illum imhallef emeritus) Lawrence Quintano. L-ewwel seduta nzammet fit-23 ta' Gunju, 2006. Kien xehed l-Ispettur Pierre Grech li ezebixa l-istqarrija rilaxxata mill-appellat fis-16 ta' April, 2006. Dak in-nhar xehed ukoll PC47 Christian Frendo.

Illi t-tieni seduta nzammet fit-30 ta' Ottubru, 2006 fejn gie ezebit il-process verbal u saret il-konferma tal-esperti. Kien xehed Martin Bajada li ezebixxa r-relazzjoni tieghu. Xehdu wkoll tlett pulizija ohra.

Illi t-tielet seduta nzammet fid-9 ta' Frar, 2007. Dak in-nhar xehed l-espert Godwin Sammut li kien ezamina d-droga meritu ta' dn il-kaz.

Illi r-raba' seduta nzammet fil-11 ta' Gunju, 2007 fejn il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li kien ghad fadalla tipproduci x-xhud ta' l-istqarrija u s-Surgent Dalli, scene of crime officer.

Illi l-hames seduta nzammet fl-14 ta' Settembru, 2007 fejn ma sar xejn.

Illi s-sitt seduta nzammet fil-15 ta' Ottubru, 2007 fejn xehed ix-xhud ta' l-istqarrija u l-Ispettur Pierre Grech ezebixxa t-tieni stqarrija tal-appellat li ggib id-data tal-24 ta' April, 2006.

Illi s-seba' seduta nzammet fid-9 ta' Novembru, 2007 fejn ma gie prodott ebda xhud.

Illi t-tmien seduta nzammet fis-27 ta' Marzu, 2007. Ma sar xejn u il-kawza giet differita.
Illi d-disa' seduta nzammet fis-27 ta' Gunju, 2008 fejn xehed is-Surgent Edgar Dalli. Dak in-nhar il-kawza giet differita ghall-21 ta' Novembru, 2008 ghal provi tad-difiza.

Illi fl-ghaxar seduta tal-21 ta' Novembru, 2008 ma sar xejn ghaliex l-appellat kien indispost.

Illi l-hdax is-seduta nzammet fid-9 ta' Jannar, 2009 fejn xehed l-appellat Victor Joseph Vella u sarlu l-kontro-ezami min-naha tal-Prosekuzzjoni.

Illi t-tnax il-seduta saret fit-13 ta' Marzu, 2009 fejn id-difiza talbet li jsir 'social enquiry report'.

Illi t-tlettax il-seduta saret fid-19 ta' Gunju, 2009 fejn gie prezentat is-'social enquiry report'.

Illi fl-erbatax il-seduta saret fil-5 ta' Ottubru, 2009 fejn xehdu diversi xhieda tad-difiza.

Illi l-hmistax il-seduta saret fl-1 ta' Dicembru, 2009 fejn xehed l-ahhar xhud tad-difiza. Hawnhekk, id-difiza ddikjarat li qed taghlaq il-provi taghha.

Illi s-sittax il-seduta saret fis-16 ta' Marzu, 2010 fejn il-Qorti ddiferiet l-kawza ghal finali trattazzjoni.

Illi s-sbatax il-seduta saret fid-19 ta' mejju, 2010. Il-Qorti giet infurmata li l-appellat ghamel stqarrija guramentata u li l-pulizija kienu ghaddejja bl-investigazzjoni dwar il-kontenut ta' din l-istqarrija.

Illi fit-tmintax il-seduta li nzammet fil-15 ta' Ottubru, 2010 din il-kawza partikolari giet assenjata lill-Magistrat Dottor Marse-Ann Farrugia u dak in-nhar ma sar xejn.

Illi d-dsatax il-seduta saret fit-28 ta' Frar, 2011 u dak in-nhar il-Qorti ddiferiet il-kawza sabiex il-partijiet jiddikjaraw jekk hux ser jezentaw lill-Magistrat li qed tippresjedi l-Qorti milli terga tisma mill-gdid lix-xiehda kollha li ngabru f'din il-kawza. Dak in-nhar kien deher l-ufficjal prosekutur izda l-imputat ma deherx ghaliex ma kienx notifikat.

Illi fl-ghoxrin seduta li nzammet fit-13 ta' Gunju, 2011 u il-Qorti ghamlet l-istess verbal tas-seduta precedenti. Hawnhekk, id-difiza talbet li jerga jixhed Dr. David Cassar, jekk ikun il-kaz. L-ufficjal prosekutur kien prezenti u ma ghamel ebda forma ta' dikjarazzjoni li ried jerga jisma mill-gdid il-provi.

Illi l-wiehed u ghoxrin seduta nzammet fit-12 ta' Dicembru, 2011. Il-Qorti laqghet talba tad-difiza ghal differiment.

Illi t-tnejn u ghoxrin seduta nzammet fil-11 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti regghet infurmat lill-partijiet li riedet tkun taf jekk ser terga tisma' l-provi jew il-partijiet jaqblu li jezentaw lill-Qorti.

Illi t-tlieta u ghoxrin seduta nzammet fit-3 ta' Dicembru, 2012. Importanti li wiehed jinnota li l-Qorti ddiferiet il-kawza sabiex tkun taf jekk hiex ezentata mis-smiegh mill-gdid tal-provi li kienu migbura sa dak in-nhar.

Illi l-erba' u ghoxrin seduta nzammet fis-6 ta' Mejju, 2013. Hawnhekk, il-Qorti issa hi presjeduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras. F'din is-seduta deher kulhadd u il-partijiet iddikjaraw li qed jezentaw lill-Qorti, kif presjeduta, milli terga tisma mill-gdid l-provi mismugha

sa dak in-nhar. Hawnhekk, id-difiza talbet li jergghu jinstemghu xi xhieda li kienu xehdu f'okkazzjonijiet ohra.

Illi l-hamsa u ghoxrin seduta nzammet fil-11 ta' Lulju, 2013 fejn xehdu diversi xhieda tad-difiza.

Illi s-sitta u ghoxrin seduta nzammet fit-28 ta' Novembru, 2013 fejn gie prezentat update tas-'social enquiry report'.

Illi s-seba' u ghoxrin seduta nzammet fl-4 ta' Marzu, 2014 fejn ma sar xejn ghaliex il-Qorti kienet sprovvista minn awla.

Illi t-tmienja u ghoxrin seduta nzammet fid-19 ta' Mejju, 2014. Ma sar xejn ghaliex id-difiza talbet differiment.

Illi disa' u ghoxrin seduta nzammet fit-22 ta' Settembru, 2014. Ma sar xejn ghaliex l-appellat kien indispost.

Illi t-tletin seduta saret fl-4 ta' Frar, 2015. Id-difiza ddikjarat li ghalqet il-provi taghha.

Illi fil-5 ta' Frar, 2016 inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti.

Illi l-ewwel haga li ghandha tigi osservata hu l-fatt li l-ewwel Qorti talbet lill-partijiet diversi drabi jekk riedux li l-provi jinstemghu mill-gdid. L-Avukat Generali qed jibbaza t-tesi tieghu a bazi tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali. Analizi ta' dan l-artikolu jjindika li x-xhud ghandu jigi dejjem ezaminat fil-Qorti u 'viva voce'. Dawn iz-zewg rekwisiti gew sodisfatti ghaliex kulhadd xehed fil-Qorti u kulhadd xehed 'viva voce'. Dan il-kuncett imbaghad ghandu jigi ntegrat mal-artikolu 637 ta' l-istess kodici. Dan jitkellem fuq kif il-Qorti ghandha thares lejn ix-xhud. Il-kredibilita' tieghu, l-imgieba, il-kondotta, etc. dan jimplika li l-Qorti li qed tiddecidi ghandha tkun dik il-Qorti li semghet ix-xhud jew xhieda partikolari. Dan fi ftit kliem hu l-qofol tal-argument tal-Avukat Generali.

Illi dan li ghdu kemm inghad hawn fuq ghandu jigi applikat fil-fattispeci ta' kull kaz partikolari. Dan il-kaz kellu l-bidu tieghu fit-30 ta' Ottubru, 2006 u is-sentenza giet pronunzjata fil-5 ta' Frar, 2016. L-ewwel Qorti talbet kemm il-darba li tigi ezentata mis-smiegh mill-gdid tal-provi li digja nstemghu u wara tlett seduta l-partijiet taw il-kunsens taghhom. Jigi rilevat li x-xiehda kienet kollha traskritta u kien ikun ferm difficli ghal kulhadd kieku l-partijiet ma ezentawx lill-Qorti. Jekk wiehed janalizza x-xhieda moghtija, fil-kaz ta' ebda xhud ma kien hemm il-htiega li jigi applikat id-dettami tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Wiehed jista' jghid illi l-akkuzat, illum appellat, kellu jigi anlizzat mill-qrib. Dan mhux minnu ghas-semplici fatt li fl-istqarrijiet u fix-xhieda li hu offra lill-Qorti dejjem qal li dawk il-pilloli kienu ghalih. Kollox kien idur mal-fatt jekk il-Qorti temmnux jew le. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet minghajr il-htiega li tara l-komportament, l-imgieba etc. ta' l-appellat. Dan mhux bizzejjed. Il-prosekuzzjoni ghazlet li ma tergax tisma x-xhieda prodotti. Ebda pressjoni ma saret fuqha biex tezenta lill-Qorti. Ta' hu sinjal car li hi kienet sodisfatta li l-ewwel Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni taghha a bazi ta' dak li kienet traskritt u miktub. L-Avukat Generali ma jistax issa jiddecidi li jqajjem din il-problematika meta l-prosekuzzjoni kellha u nghatat iz-zmien kollu bie tesprimi l-hsieb taghha.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li jekk wiehed janalizza s-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Emanuel Debrincat" deciza fit-30 ta' Marzu, 2012 jasal ghall-istess konkluzjoni li waslet din il-Qorti. Ghalhekk, hu car li l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Illi dawr it-tieni u it-tielet aggravju tal-Avukat Generali hu car li l-ewwel Qorti, kif inghad hawn fuq setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni taghha. Kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.